MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 146/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. K. Farrugia)**
**Vs**
**Alfred Degiorgio**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-7 ta' Novembru, 2008, ghall-habta ta' l-10.00 a.m., waqt li kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni MAD 707 ta' l-ghamla toyota, fi Triq in-Naxxar, Hal-Lija w f'inhawi ohra fil-Gzejjer Maltin,
1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Methusalem Saliba li ghandu numru tal-identita' 0160048(M) u dan skond kif iccertifikat Dr. Bernice Vella M.D (Reg. No. 5150) tal-Isptar Mater Dei meta dan kien qed jaqsam minn fuq post fejn jaqsmu n-nies bil-pass;

2. saq b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluz;
3. saq l-istess vettura b'velocita' eccessiva;
4. sar recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi huma definittivi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Mejju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 225, 226, 216 u 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 15 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta w r-Regolament 127 tal-Avviz Legali 129/97, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi, salv li in kwantu jirrigwarda t-tieni akkuza huwa nstab hati limitatament in kwantu jirrigwarda sewqan traskurat u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta lliberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tmintax (18)-il xahar.
Il-Qorti inoltre skwalifikatu milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghal zmien xahrejn.
Il-Qorti ordnat ukoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li kopja ta' din is-sentenza w l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fi zmien moghti mill-ligi.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-11 ta' Mejju , 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi, salv li in kwantu jirrigwarda t-tieni akkuza fejn huwa nstab hati limitatament in kwantu jirrigwarda sewqan traskurat u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta gie liberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tmintax (18)-il xahar mid-data tas-sentenza, w tirrevokaha w thassaraha fejn l-Ewwel Qorti skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghal zmien xahrejn mid-data tas-sentenza.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :-

1. Illi skond il-ligi s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ma setghetx tigi nflitta. Quddiem l-Ewwel Qorti l-prosekuzzjoni qablet u ddikjarat li s-sewqan tal-appellant kien jikkwalifika bhala wiehed traskurat u inoltre ddikjarat li ma kienitx qed tinsisti dwar it-talba taghha ghas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-appellant;
2. illi s-sospensjoni nflitta kienet kwazi tmien darbiet oghla mill-minimu, meta certament li f'dan il-kaz ma kienx hemm l-ebda estremi li jwasslu ghal sospensjoni hekk twila.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell huwa limitat ghall-piena tas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-appellant ghall-periodu ta' xaharejn mid-data tas-sentenza appellata.

L-appellant isostni li ladarba l-istess prosekuzzjoni kienet qablet li s-sewqan tal-appellant ma kienx wiehed perikoluz imma biss wiehed b' manjiera traskurata (fol. 8 tal-process) w ladarba l-istess ufficjal prosekutur kien qal li l-Prosekuzzjoni ma kienetx qed tinsisti fuq it-talba taghha ghas-sospensjoni tal-licenzji tas-sewqan, l-Ewwel Qorti ma kellhiex timponi tali sospensjoni.

Illi l-artikolu 15 (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li :-

*"Fil-kaz ta' kull reat iehor taht is-subartikolu (1) il-Qorti, fuq talba tal-prosekuzzjoni, b' zieda ghall-piena skond dak is-subartikolu, ghandha tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien ta mhux nqas minn tmint ijiem."*

Issa f' dan il-kaz din it-talba saret *in calce* tac-citazzjoni (fol.2), pero' l-appellant qed jissottometti li l-ufficjal prosekutur kien irrinunzja ghaliha. Dan pero' ma jidhirx verbalizzat.

Din il-Qorti semghet ix-xiehda ta’ Dr. Robert Abela li xehed li l-Ispettur Kevin Farrugia kien verbalment irtira t-talba ghas-sospensjoni.

Illi *stricto jure* ladarba l-Prosekzzjoni kienet irrinunzjat ghat-talba ghas-sospensjoni tal-licenzja, l-Ewwel Qorti ma setghetx timponi it-terminu ta’ sospensjoni minnha impost.

Din il-Qorti qieset ukoll li kien gie verbalizzat fl-udjenza tat-30 t’ April, 2009, quddiem l-Ewwel Qorti li l-*parte civile,* Methusalem Saliba kien informa lill-Ewwel Qorti li hu kien qed jirrinunzja ghal dak kollu li kien rinunzjabbli fil-konfront tal-appellant u li hu thallas ghad-danni sofferti, minnghand l-appellant.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn ordnat li l-appellant ikun skwalifikat milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghal zmien xaharejn u tikkonfermaha  fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------